

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-2 ta' Ottubru 2012 — Q vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-52/05 RENV)

*(Servizz pubbliku — Rinviju quddiem il-Qorti Ġeneralis wara annullament — Dmir ta' assistenza — Fastidju psikoloġiku — Miżura provviżorja ta' allontanament — Kumpens għad-danni morali — Rapporti tal-iżvilupp tal-karriera — Assenzi ġġustifikati minħabba mard — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni)*

(2013/C 38/51)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Q (Domsjö, l-Isvezja) (rappreżentanti: S. Rodrigues u Y. Minatchy, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment D. Martin, B. Eggers u V. Joris, sussegwentement V. Joris u G. Berscheid, aġenti)

### Suġġett

Servizz pubbliku — Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti taħt l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward ta' fastidju psikoloġiku li hija tallega li batiet kif ukoll talba għad-danni u, min-naħa l-oħra, l-annullament tar-rapport dwar l-iżvilupp tal-karriera tagħha għall-proċedura 2003 (li kienet T-252/05) — Kawża T-80/09 P irrinvijata wara l-kassazzjoni.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rapporti tal-iżvilupp tal-karriera stabbiliti rispettivamente għall-periodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Ottubru u mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru 2003 huma annullati.
- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil Q is-somma ta' EUR 10 000.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha relativi għall-proċedura mibdija quddiem il-Qorti Ġeneralis tal-Unjoni Ewropea u għaż-żewġ proċeduri mibdija quddiem it-Tribunal u hija kkundannata tbat li tliet kwarti mill-ispejjeż sostnati minn Q relativi għaż-żewġ proċeduri mibdija quddiem it-Tribunal.

(4) Q għandha tbat l-ispejjeż tagħha relativi għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneralis tal-Unjoni Ewropea u kwart mill-ispejjeż tagħha relativi għaż-żewġ proċeduri mibdija quddiem it-Tribunal.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-6 ta' Novembru 2012 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-41/06 RENV) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rinviju lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku wara annullament — Invalidità — Irtrar mhux volontarju minħabba invalidità — Kompożizzjoni tal-Kunitat tal-Invalidità — Regolarità — Kundizzjonijiet)*

(2013/C 38/52)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

### Suġġett tal-kawża

Rinviju wara annullament — Servizz pubbliku — Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ġġiegħel lir-rikorrent jirtira minħabba invalidità kif ukoll ta' sensiela ta' atti konnessi ma' din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

### Dispożittiv tas-sentenza

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) L. Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnati mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża F-41/06, F-41/06 RENV u T-20/09 P.

<sup>(1)</sup> ĠU C 131, 3.6.2006, p. 54